# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 1696

Kaz Nru. 2214

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

John Calleja

u

Sovereign Hotels Limited

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum l-Gimgha t-28 ta' April 2006

**Chairman: Is-Sur Carmel Debono**

**Introduzzjoni.**

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet irriferita lit-Tribunal Industrijali b'ittra mibghuta lir-Registru tal-Qrati Superjuri datata 3 ta' Settembru 2004 bit-*terms of reference* li s-socjeta appellata riedet tbiddel il-kundizzjonijiet tax-xoghol ta' l-appellant minghajr il-kunsens tieghu u kwindi waslet biex itterminatlu l-impieg tieghu minghajr raguni tajba skond l-Att 2002 dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali.

It-Tribunal zamm sebgha (7) seduti.

Fil-bidu tas-smiegh tal-kaz, l-appellant kien assistit minn Dr Gianfranco Gauci LL.D. u ghall-parti appellata deher is-Sur Martin Buttigieg, General Manager, li kien assistit minn Dr Ramona Frendo LL.D.

Fit-tieni seduta tal-Gimgha 10 ta' Dicembru 2004 il-partijiet talbu differiment biex ikun jistghu jidhlu f'diskussjoni dwar il-possibilta ta' ftehim bonarju.

It-Tribunal Industrijali laqgha t-talba ghall-differiment.

Wara s-seduta tat-12 ta' Jannar 2005 il-parti appellata bidlet l-assistenza u flok Dr Gianfranco Gauci LL.D. dahal Dr Joseph Zammit McKeon LL.D.

Meta t-Tribunal Industrijali kkonvena nhar il-Gimgha 24 ta' Frar 2006 il-parti appellata naqset li tattendi .

B'ittra datata 1 ta' Marzu 2006 il-parti appellata giet infurmata li kienet qeghda tinghata opportunita finali biex tkompli l-kaz fis-seduta ta' l-Erbgha 22 ta' Marzu 2006 u debitament infurmata li jekk tonqos li tghamel hekk, it-Tribunal jaggorna il-kaz "Sine Die" ghad-decizjoni; is-socjeta intimata naqset li tattendi ghal din is-seduta.

**Xhieda**

F'din is-seduta tat-22 ta' Marzu 2006 xehed Dr Joseph Zammit McKeon LL.D. li ta rendikont bil-gurament tal-konkluzzjoni li l-parti appellanti lehqet mas-socjeta intimata li kienet tammonta ghal ftehim bonarju ta' kompensazzjoni li s-socjeta intimata kienet lesta toffri lill-appellant bhala likwidazzjoni tal-kaz.

Dr Joseph Zammit McKeon LL.D. ppreżenta fotokopja ta' ftehim milhuq mis-socjeta, li ghal xi raguni aktar tard deherilha li ma tonorax.

Xehed ukoll l-appellant is-Sur John Calleja li kkonferma bil-gurament l-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-fatti ipprezentata fit-Tribunal fil-15 ta' Ottubru 2004 u rrisponda ghall-mistoqsijiet ta' Dr Joseph Zammit McKeon LL.D. u tac-Chairman tat-Tribunal.

**L-Istorja**

L-appellant John Calleja gie Impjegat bhala *Handyman* fuq *maintenance* mas-socjeta Sovereign Hotels Ltd fil-5 ta' Mejju 1997. Huwa safa imkecci fl-24 ta' Gunju 2004 wara li ma accettax li jigi *transferred* f'Hotel iehor u jinbidlu l-mansjonijiet li kellu qabel minghajr il-kunsens tieghu.

It-*transfer* tieghu ma kienx jammonta ghal tnaqqis fis-salarju izda bidla fil-mansjonijiet tieghu.

Gie allegat li x-xoghol li kien jaghmel fil-Windsor Hotel gie mghoti lill-impjegat gdid li dahal floku. Hu jallega illi x-xoghol li gie imqabbad jghamel fil-Crown Hotel f'Bugibba fejn gie *transferred* kien deskritt bhala dak ta' *Houseman* li kien ferm 'l boghod mix-xoghol ta' *maintenance* li kien jghamel fil-Windsor Hotel.

L-appellant talab intervent tal-Labour Office biex jinghata dikjarazzjoni tal-mansjonijiet fejn gie trasferit. L-appellant ikkontenda li l-mansjonijiet fil-Crown Hotel kienu jammontaw ghad-degradazzjoni tal-pozizzjoni tieghu bhala persuna fdat fil-Windsor Hotel ghall-*Maintenance*. Minhabba l-insistenza

tieghu li ma kellux jghamel ix-xoghol fil-Crown Hotel assenjat lilu, hu gie ssensjat fl-24 ta' Gunju 2004.

**Korrispondenza**

Qabel il-kaz kien hemm bdil ta' korrispondenza bejn il-partijiet, li gew ipprezentati lit-Tribunal Industrijali fl-Istatements of case tal-partijiet . Gie wkoll ipprezentat "draft" ftehim bonarju bejn il-partijiet kif ukoll kopja ta' cekk ghall-valur ta' elf, mija u hamsin Liri Maltin (LM1150) bhala l-ewwel *installment* li ma giex ikkaxxjat. Din is-somma kienet terza parti mill-ftehim bonarju li l-partijiet kienu lahqu bejnithom.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal Industrijali gharbel bir-reqqa l-kopji tal-korrispondenza bejn il-partijiet u jsib li finalment din waslet biex l-appellant gie l-impieg tieghu tterminat. Basikament ir-raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant tidher fil-formola ta' l-ETC bhala *dismissed* ghar-raguni li ma riedx jaqdi l-mansjonijiet fil-Crown Hotel fejn kien gie trasferit mill-Windsor Hotel.

L-appellant jikkontendi li dan it-*transfer* ma kien xejn ghajr degradazzjoni fl-i*standing* personali tieghu bhala persuna fdata fil-*maintenance* tal-Hotel Windsor u jsostni li meta gie trasferit dan sar minghajr il-kunsens tieghu u li fil-fatt kien jammonta ghal bdil fil-kundizzjonijiet tieghu tax-xoghol. It-Tribunal innota wkoll l-insistenza tas-socjeta li l-appellant kellu jkun flessibbli u jaqdi l-isocjeta fejn u meta tinqala l-htiega.

It-Tribunal jifhem u japprezza l-htiega li jkun hemm flessibilta fit-tmexxija tal-*hotels*, izda jifhem ukoll li tibdil tal-kundizzjonijiet tax-xoghol f'dan is-settur ghadhom isiru minghajr ma jigu urtati l-impjegati. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jinnota li dan il-bdil fil-kaz ta' l-appellant ikkagunalu disturb psikologiku li kellu u ghandu jigi evitat.

Finalment jidher li dawn ic-cirkostanzi irrendew lill-appellant f'pozizzjoni infelici u nkapaci li jghamel il-mansjonijiet fil~Crown Hotel bir-rizultat li l-impieg tieghu gie tterminat.

Tajjeb it-Tribunal iffakkar li l-*employer* ghandu dritt ghall-flessibilta limitata, specjalment bhal dan il-kaz fis-settur tal-Hotels, izda jrid joqghod attent li bl-iskuza tal-flessibilta ma jirrendix l-pozizzjoni ta' l-impjegat inaccettabbli meta din teccedi l-limiti ragonevoli u tpoggi lill-impjegat inferjuri quddiem shabu tax-xoghol u tikkagunalu disturb mhux gustifikat. Meta s-sid (l-employer) jeccedi l-bzonn ta' flessibilta anke jekk fil-fratemp ma jnaqqasslux s-salarju, ikun qieghed jiehu r-riskju li t-tkeccija mill-impieg minhabba cirkustanzi bhal dawn tkun ikkunsidrata ingusta.

Minn naha l-ohra l-impjegat ma jistax ma jkunx flessibbli izda xorta jibqalu d-dritt li jkun jaf x'inhuma it-tibdil fil-kundizzjonijiet tieghu, kemm-il darba dan it-tibdil ibiddel il-kondizzjonijiet tax-xoghol  sostanzjali u l-*employer* hu fid-dover li jgharaf lill-impjegat bil-quddiem u mhux igaghlu jaccetta minghajr il-kunsens tieghu.

**Decizjoni**

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u ezamina l-istatements of case tal-partijiet ra u kkunsidra dawn l-istatements, ra u kkunsidra l-korrispondenza bejn il-partijiet, ra u kkunsidra l-ftehim bonarju bejn il-partijiet wara li dawn iddiskutew u qablu dwar il-ftehim bonarju, sema u evalwa ix-xhieda tal-Avukat Joseph Zammit McKeon dwar dan il-ftehim bonarju, jsib li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant John Calleja dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq u fic-cirkostanzi tal-kaz, kienet nieqsa milli tigi meqjusa gusta.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-appellant John Calleja ghandu jinghata kumpens mis-socjeta Sovereign Hotels Ltd fis-somma ta' tlett telef u hames mija Liri maltin (Lm3,500) sa mhux aktar tard minn tlett (3) xhur mid-data ta' din id-decizjoni. Din is-somma ghandha tinqassam fi tlett partijiet ekwali u kull parti tithallas sa l-ahhar tax-xhur ta' Mejju, Gunju u Lulju ta' din is-sena.

Ghal finijiet ta' drittijiet li jithallsu, t-Tribunal Industrijal qieghed jiffissa dawn fl-ammont ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

__________________
(ft) Carmel Debono
Chairman

VERA KOPJA

________________
Monica Seychell
A/Segretarja